A.L. 6 ta' l-1986

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET (KAP. 58)

Regolamenti ta' l-1986 dwar il-Liċenzi ta' Importazzjoni (Drittijiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru tal-Kummerċ u Ippjanar Ekonomiku, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi u tad-Dwana, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1986 dwar il-Liċenzi ta' Importazzjoni (Drittijiet).

(2) Dawn ir-regolamenti, barra mid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (2) tar-regolament 2, għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1986.

Dritt fuq liċenzi ta' importazzjoni

A.L. 48 ta' l-1969

2. (1) Għandu jitħallas lid-Direttur tal-Kummerċ għall-ħruġ ta' liċenza ta' importazzjoni taħt ir-Regolamenti ta' l-1969 dwar il-Kontroll ta' l-Importazzjoni dritt ta' Lm1 għal kull liċenza hekk maħruġa.

(2) Il-ħlas ta' dak id-dritt għandu jsir billi titwaħħal bolla tal-pustaġġ tal-valur ta' dak id-dritt fuq il-liċenza. Dik il-bolla għandha titwaħħal mill-applikant fuq il-kopja tad-dwana tal-liċenza meta tiġi ppreżentata l-ewwel darba lill-Kontrollur tad-Dwana biex jinħelsu l-oġġetti li għalihom tirriferi. Il-Kontrollur tad-Dwana għandu jħassar il-bolla billi jagħtiha timbru tad-data.

Eżenzjoni.

3. Id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ma japplikawx meta liċenza ta' importazzjoni tkun ħarġet favur il-Gvern.